MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**LORRAINE SCHEMBRI ORLAND**

Seduta tat-3 ta' Ottubru, 2013

Citazzjoni Numru. 339/2003

**Charles Darmanin & Co. Ltd. u Alfred Demicoli**

**vs**

**Luca Cerbino**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ic-citazzjoni tas-socjeta` attrici datata 3 ta’ April 2003 u pprezentata quddiem din il-Qorti kif diversament presjeduta, fejn esponiet: -

Illi waqt li l-konvenut kien qieghed isuq il-vettura tal-marka Land Rover numru JAZ 917 f'Eucharistic Congress Road, Mosta, fis-7 ta' April 1999, huwa baqa' diehel gol-vettura tal-marka Toyota Corolla numru DAM 103, propjeta` tas-socjeta` attrici u liema vettura kienet misjuqa mill-attur Alfred Demicoli.

Illi b'rizultat ta' dan l-incident, is-socjeta` attrici soffriet danni fil-vettura taghha numru DAM 103 ammontanti ghal Lm4,100 u l-attur l-iehor Alfred Demicoli sofra danni inkluzi dawk fizici u personali, u qed ibati minn debilita' permanenti.

Illi dan l-incident gara b'tort tal-konvenut minhabba traskuraggni, imperizja, negligenza, *non-curanza* u nuqqas ta' tharis tar-regolamenti tat-traffiku *da parte* tieghu.

Illi meta l-konvenut gie nterpellat sabiex ihallas, kemm permezz ta' ittri legali, kif ukoll permezz ta' ittra ufficjali, huwa baqa' inadempjenti u qieghed jirrifjuta li jaccetta r-responsabbilta' intiera jew parzjali li tippronunzja din il-Qorti ghall-istess.

Ighid ghalhekk il-konvenut ghaliex din il-Qorti ma ghandhiex: -

1. Tiddikjara illi dan l-incident gara tort tal-konvenut minhabba negligenza, imprudenza, traskuraggini, nuqqas ta' tharis tar-regolamenti tat-traffiku u *non-curanza* tal-konvenut;

2. Tillikwida d-danni sofferti minn Alfred Demicoli, b'rizultat tal-incident relattiv, okkorrendo bl-opra ta' periti nominandi;

3. Tillikwida d-danni sofferti mis-socjeta` attrici fis-somma ta' erbat elef u mitt lira Maltin (Lm4,100), jew somma ohra verjuri li tigi likwidata minn din il-Qorti;

4. Tikkundanna lill-istess konvenut ihallas lill-attur Alfred Demicoli s-somma rispettiva hekk likwidata *in linea* ta' danni; u

5. Tikkundanna lill-istess konvenut ihallas lis-socjeta` attrici s-somma ta' erbat elef u mitt lira Maltin (Lm4,100) jew somma ohra verjuri li tigi likwidata minn din il-Qorti - kollox skont kif intqal fuq u ghar-ragunijiet fuq premessi.

Bl-ispejjez komprizi dawk tal-ittri ufficjali tat-3 ta' Dicembru 1999 u tal-4 ta' April 2001 u dawk tal-ittra ufficjali kontra s-socjeta` assiguratrici tal-konvenut prezentata kontestwalment mal-prezenti kontra l-konvenut li minn issa jibqa' ngunt ghas-subizzjoni tieghu.

Rat li din il-kawza giet appuntata ghas-smigh mill-Qorti kif diversament presjeduta ghas-seduta tal-5 ta' Novembru 2003.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenut Luca Cerbino, detentur tal-Karta tal-Identita` bin-Numru 206398(A), datata 16 ta' Marzu 2004 (fol 14A) fejn espona : -

1. Illi fl-ewwel lok, it-talba attrici hija preskritta *ai ter*mini tal-Artikolu 2153 tal-Kodici Civili.

2. Illi, fit-tieni lok u minghajr pregudizzju ghall-premess, it-talbiet attrici huma ghal kollox infondati fil-fatt u fid-dritt u dan minhabba illi l-incident awtomobilistiku in kwistjoni sehh unikament minhabba traskuragni, negligenza, imperizja u non-osservanza tar-regolamenti tat-traffiku da parti tal-attur Alfred Demicoli illi baqa' hiereg minn triq laterali ghal gewwa t-triq principali fejn kien qieghed isuq l-eccipjenti, minghajr ma ha l-prekawzjonijiet mehtiega, b'mod illi kkaguna emergenza subitanea lill-eccipjenti illi kienet il-kagun uniku tal-incident *de quo,* kif jista' jigi ppruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza.

Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat ir-relazzjoni tal-AIC Richard Aquilina pprezentata fit-8 ta' Marzu 2005 (fol 77)

Rat il-verbal tas-seduta tat-18 ta' Mejju 2006 mizmuma quddiem il-Qorti kif diversament presjeduta fejn il-Qorti ddikjarat maghluqa l-provi tal-konvenut u halliet il-kawza ghat-trattazzjoni, illi fuq talba tal-avukati tal-partijiet ghandha ssir permezz ta' noti ta' sottomissjonijiet. Il-Qorti tat zmien sas-7 ta' Lulju 2006 biex iressqu n-nota ta' sottomissjonijiet bil-*visto* tal-Avukat tal-konvenut li jkollu

sas-7 ta' Settembru 2006 biex iressaq in-nota responsiva bil-*visto* tal-Avukat tal-kumpanija attrici. Il-kawza giet differita ghas-sentenza ghat-3 ta' Novembru 2006.

Rat in-nota ta' Charles Darmanin & Co. Ltd. (C2271) u Alfred Demicoli, datata 10 ta' Lulju 2006 a fol 116 fal-process.

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet responsiva tal-konvenut Luca Cerbino datata 12 ta' Marzu 2007 a fol 127 tal-process.

Rat il-verabli tas-seduti kollha nkluz dak tat-12 ta' Dicembru 2012 mizmuma quddiem il-Qorti kif diversament presejduta fejn il-kawza baqghet differita ghas-sentenza ghas-16 ta' Mejju 2013.

Rat is-surroga datata 16 ta' Jannar 2013 fejn din il-kawza giet assenjata lil din il-Qorti kif hekk presjeduta.

Rat il-verbal tas-seduta tas-16 ta' Mejju 2013 mizmuma quddiem din il-Qorti kif hekk illum presjeduta fejn b'ordni ta' din l-istess Qorti din il-kawza giet differita ghat-3 ta' Ottubru 2013 ghall-istess skop tal-verbal precedenti.

Hadet konjizzjoni tal-provi prodotti.

## II. <u>KONSIDERAZZJONIJIET</u>

Illi din il-kawza titratta dwar incident awtomobilistiku li gara fis-7 ta' April 1999, fejn l-atturi qed jallewgaw li l-konvenut, waqt li kien qed isur il-vettura tal-marka 'Land Rover', numru JAZ-917, fi Triq il-Kungress Ewkaristiku, il-Mosta, baqa' diehel fil-vettura tal-marka Toyota Corolla, numru DAM-103, proprjeta` tas-socjeta` attrici u misjuqa mill-attur Alfred Demicoli, ikkaguna danni konsistenti fi hsarat fil-vettura kif ukoll debilita' permanenti fuq l-attur Demicoli. L-atturi jghidu li l-konvenut ghandu jinzamm unikament responsabbli ghad-danni hekk ikkaguati *stante* neglienza, imperiza u nuqqas ta' tharis tar-regolamenti tat-traffiku da parti tieghu.

Il-konvenut eccepixxa li l-azzjoni attrici hija preskritta a tenur **tal-artikolu 2153 tal-Kap 16** tal-Ligijiet ta' Malta. Inoltre eccepixxa li l-incident sehh unikament tort tal-attur Alfred Demicoli li baqa' hiereg minn triq laterali ghall-gewwa triq principali minghajr ma ha l-prekawzjonijiet mehtiegau b'hekk ikkaguna emergenza subitanea lill-eccipjent.

Il-fatti tal-kaz, fil-qosor huma s-segwenti. Fil-gurnata tal-incident, il-konvenut Luca Cerbino, waqt li kien qed isuq Land Rover JAZ-917 fi Triq il-Kungress Ewkaristiku lejn id-direzzjoni ta' Hal Lija, habat mal-vettura Toyota misjuqa mill-attur Arthur Demicoli, DAM-103, li kienet harget minn Anglu Gatt Street li hija triq laterali. Arthur Demicoli korra fl-incident u ttiehed l-Isptar. Cerbino kien akkompanjat minn passiggier. Ittiehdu proceduri kriminali kontra Cerbino li instab hati ta' sewqan b'manjiera traskurata u talli kkaguna offizi gravi fuq il-persuna ta' Alfred Demicoli minhabba nuqqas ta' hsieb bi traskuragni u b'nuqqas ta' tharis tar-regolamenti tat-traffiku.[1]

Rigward l-ewwel eccezzjoni l-atturi esibew kopji ta' zewg ittri ufficjali datati rispettivament it-3 ta' Dicembru 1999, li giet notifikata lill-konvenut personalment fid-9 ta' Dicembru 1999, u tal-4 ta' April 2001 li giet notifikata lill-konvenut personalment fil-5 ta' Mejju 2001 bir-riferti pozittivi relattivi[2].

## Provi Prodotti

Xehed **Lawrence Said Dudley Ward[3],** Direttur tas-socjeta` attrici li kkonferma li b'konsegwenza tal-incident il-vettura Toyota, proprjeta` tas-socjeta` attrici, giet dikjarata *beyond economical repair* filwaqt li r-*wreck value* kien ta' Lm400. Il-valur assikurattiv tal-vettura kien ta' Lm4500 **(DOK LS1)** u b'hekk is-socjeta` attrici kienet qed tippretendi rizarciment fl-ammont ta’ Lm4100.

[1] Sentenza esebita bhala **Dok. AD2** a fol.31 tal-process.
[2] Nota a fol.18 tal-process.
[3] Affidavit a fol.24 tal-process.

Xehed **Alfred Demicoli**[4] fejn qal li fid-data tal-incident, ghal xi l-4.30pm kien qed isuq fi Triq Anglu Gatt, il-Mosta, fuq xogholu. Meta wasal ghall-Eucharistic Congress Road, waqaf zobtu. Sema' il-hoss ta' sireni u wara li *security vans* ghaddew minn quddiemu hares lejn ix-xellug biex jara jekk kienux gejjin vetturi ohra u "*rajt li ma kienx hemm. Jien ghalhekk bdejt hiereg bil-mod peress li ma kienux jidhru gejjin ebda karrozzi u ridt immur dritt u f'daqqa wahda, smajt hoss qawwi ta' brejkijiet u mbaghad hassejt impatt qawwi hafna max-xellug tal-vettura tieghi u mbuttani tul twil sakemm spiccajt mal-genb tat-triq. Jien kont liebes 'seat belt' izda l-impatt tant kien vjolenti li bid-daqqa intlift minn sensija u ergajt stenbaht fl-ambulanza....*"

B'rizultat tal-incident spicca korrut u baqa' isofri anke minn sturdamenti. Esebixxa rapport ta' Mr. Bernard li jghid li sofra dizabilita' permanenti ta' tmienja fil-mija (8%) **(Dok. AD1)[5].** Kellu 57 sena fid-data tal-incident.

L-atturi pproducew wkoll xhud indipendenti, cioe` **Paul Magri**[6] li ghandu hanut gewwa Eucharistic Congress Road li qal li ra lill-vettura Landrover ghaddeja ftit sekond wara s-*security van* (li kienet qed issuq b'velocita` qawwija) bir-rankatura li wkoll kienet ghaddejja b'velocita' qawwija hafna. Madanakollu hu ma rax l-incident ghaliex qal li hareg minn gol-hanut tieghu wara li sema' hoss ta' impatt qawwi.

Xehed il-**Perit Richard Aquilina**[7] li esebixxa kopja tar-relazzjoni tieghu ipprezentata minnu bhala Espert fl-atti tal-inkjesta Magisterjali dwar l-incident stradali **(Dok.RA[8])** Minn dan id-dokument jirrizulta li l-espert kien acceda fuq il-lok tal-incident dakinhar stess ghal xi s-7.00pm u kkonstata l-hsarat fuq iz-zewg vetturi. Ipprezenta skizz a fol. 82 tal-process li juri *brake* marks imhollija mill-Land

4 Affidavit a fol.26 tal--process
5 Esebit a fol.28 tal-process.
6 Affidavit a fol.73 tal-process.
7 Seduta tat-8 ta' Marzu 2005
8 Esebit a fol. 77 tal-process.

Rover. Ikkonstata wkoll li l-vettura Toyota Corolla XL DAM-103 kellha daqqa kbira fin-nofs tal-genb tax-xellug, fost ohrajn.

Xehed il**-konvenut Luca Cerbino**[9]**,** li qal li fid-data tal-incident kien qed isuq mid-direzzjoni tal-pjazza ewlenija tal-Mosta. Meta wasal ftit ‘il boghod mill-*junction* ta' fejn hemm il-pompa tal-petrol ta' Sanbro Service Station, lemah il-vettura tal-atturi hierga minn fuq '*stop sign*' minn *junction* fuq in-naha tal-lemin tieghu. Qal li "*Malli lmaht il-karrozza, paqpaqt il-horn, applikajt il-brake izda t-Toyota ma waqafx u allura dhalt fiha ... lqatta pero` b'mod frontali."* Hu qal li l-vettura tieghu mxiet xi zewg metri mill-*point of impact* filwaqt li minn fejn saret il-habta ta' fejn spiccat il-karrozza Toyota kien hemm iktar minn zewg metri boghod. Hu kkonferma l-pozizzjoni li spiccaw fiha l-vetturi fuq l-iskizz esebit mill-Perit Aquilina a fol.82 tal-process. Il-vettura tieghu tqila xi tunnellata punt sebgha.

Hu kkalkula li kien miexi b'circa 55 sa' 60 km/h. Meta lemah it-Toyota l-ewwel darba kienet mahruga 'l barra fi Triq il-Kungress Ewkaristiku tul il-*bumper* u r-rota ta' quddiem.

Xehed **Desmond Hole** li kien riekeb bhala passiggier fuq quddiem, mal-konvenut meta sehh l-incident u qal li l-vettura Toyota "*kienet qed taqsam it-triq min-naha tal-lemin tal-karrozza taghna sejra lejn in-naha tax-xellug. Il-habta bejn il-karrozza saret ghaliex din il-karrozza kienet waqqfet fin-nofs u l-karrozza misjuqa minn Cerbino baqghet diehla fil-karrozza l-bajda li qasmet."* Meta ra lit-Toyota l-ewwel darba "*kien hemm tul ta' tliet karrozza ‘l boghod*" mill-karrozza tal-konvenut. Hu qal li l-impatt sar fuq in-naha tan-nofs tat-Toyota <u>fuq in naha tal-passiggier.</u>

Qal ukoll li "*Meta rajt it-Toyota l-ewwel darba din kienet diga harget xi nofsha 'l barra mill-linja, mill-marka ta' l-istop sign. Dak il-hin kienet ghadha miexja imma kif ghidt qabel lahqet waqfet qabel ma sehhet il-habta."*

[9] Seduta tat-2 ta' Frar 2006 a fol.105 et seq.tal-process.

Dan ix-xhud xehed li kien hemm karrozza pparkjata qabel il-*junction* minn fejn kienet hierga t-Toyota li kienet tghatti l-vizwali ta' min ikun hiereg minn fejn harget it-Toyota. Din il-karrozza tnehhiet sakemm lahqu wasslu l-pulizija u hu indika l-post fuq id-*double yellow lines* fuq ritratt esebit bhala **Dok.AD13** a fol. 50. Qal li t-Toyota kellu bejn wiehed u iehor tul tal-*mudguard* jisporgi 'l barra mill-karrozza li kienet ipparkjata fuq il-linji s-sofor. Kien cert ta' dan. Xehed ukoll li l-Land Rover kien qed isuq fin-nofs tat-triq li kien baqa' karreggabbli peress li kien hemm karrozzi ipparkjati kwazi t-tul kollu tat-triq fuq in-naha tal-lemin tal-Land Rover. Cerbino beda jibbrekja meta x-xhud qallu biex japplika l-*brakes* u dan kien meta ix-xhud ra lit-Toyota hierga qisu tul ta' tliet karrozzi 'l boghod.

## KONSIDERAZZJONIJIET LEGALI

### L-Eccezzjoni ta' Preskrizzjoni

Din l-eccezzjoni giet irtirata mill-konvenut fin-nota ta' sottomissjonijiet tieghu u ghalhekk mhiex ser tigi kkonsidrata.

### <u>INCIDENT STRADALI – RESPONSABBILTA`</u>

Ili huwa sintomatiku li l-Onorabbli Qorti ta’ l-Appell fil-kawza fl-ismijiet **“Jesmond Bonello vs Giulio Baldacchino”** deciza fil-15 ta’ Jannar, 1997 qalet illi:*“... f’materja ta’ determinazzjoni ta’ responsabbilta’ ghall-incident awtomobilistiku l-Qorti ghandha dejjem tiggudika a bazi ta’ dak li jirrizultalha li kienet il-kawza <u>prossima w immedjata tieghu</u> u tapplika ghalih ir-regoli li s-sewwieqa kienu obbligati josservaw u jobdu. F’materja ta’ sewqan huma r-regolamenti u t-tharis u l-ksur taghhom li jaddebitaw ir-responsabbilta’ u mhux l-ekwita’ u gudizzju approssimattiv. Huma dawn ir-regolamenti li ghandhom jigu rigidament applikati. Dan biex jigi assigurat l-ordni, fir-rispett ta’ l-istess regolamenti, li wahdu jista’ jipprevjeni l-incidenti.”(*Ara wkoll il-kawza **“Amadeo Mea vs Carmelo Vella”** (A.C. 24 ta’ Jannar 1966).

Il-kaz odjern jirrigwarda habta bejn utent ta' triq principali u vettura li harget minn triq laterali. Hija massima stabbilita li d-dritta tat-triq tispetta lill-utent tat-triq principali, li fil-kaz in kwistjoni hija bla dubbju Triq il-Kungress Ewkaristiku fejn fil-fatt sar is-sinistru, u li kien qed jigi utilizzat mill-konvenut Luca Cerbino.

Illi in fatti skont ***The Highway Code*** jinghad illi:-

*"Para. 91. Unless otherwise indicated, traffic on the major roads has the right of way on traffic crossing, joining or leaving the major road".*

*"Para.92. At an intersection or junction of a major road and a minor road traffic on the latter road should give way to traffic on or coming off the major road".*

Illi mhux hekk biss, izda minn fejn kien hiereg l-attur Demicoli kien hemm *Stop Sign.* F'dawn ic-cirkostanzi huwa pacifiku fil-gurisprudenza li jinkombi fuq l-attur li jesplora t-triq sew qabel ma jaqbad u jaqsam ghal go triq principali. L-atturi da parti taghhom, jghidu li l-konvenut ghandu jigi attribwit it-tort kollu peress li kien *main road abuser* in kwantu li kien qed isuq b'velocita' eccessiva.

Il-principji involuti fl-incident in ezami huma trattati b'mod ezawrenti mill-Qrati taghna u l-linja legali hija ben stabbilita.
Illi f'dan il-kuntest il-Qorti tirreferi ghas-sentenza **"Anthony Fabri nomine vs Edward Attard"** (M. 28 ta' Mejju 2001) fejn inghad li: "*jinkombi fuq il-konvenut (*f'din il-kawza fuq l-attur) *illi jiehu l-mizuri kollha necessarji sabiex jassigura l-inkolumita' tieghu u l-utenti l-ohra tat-triq. Dawn il-mizuri jinkludu fost affarijiet ohra 'a proper look out' ghall-vetturi l-ohra kollha illi jkunu ghaddejjin minn din it-triq principali, liema vetturi ghandhom id-dritt ikomplu fit-triq taghhom minghajr xkiel minn vetturi ohra …* …."
Ukoll inghad fis-sentenza **"Sammut vs Germaine De La Fargue",** deciza mill-Onorabbli Qorti tal-Appell fit-2 ta' April, 1976, "*min ikun hiereg minn side street ghal main road ghandu l-obbligu li juza l-massima*

*attenzjoni u prudenza, li jesplora sewwa l-main road u jieqaf ghal kollox jew johrog ('inching out'), u jassigura li t-triq hi libera. Is-side road user ghandu juza grad ta' diligenza l-izjed gholi u vigilanza l-izjed qawwija, billi ghandu d-dmir li jcedi lit-traffiku li jkun fit-triq principali, ghax il-manuvra li jkun sejjer jaghmel biex jitraversa dik it-triq hi kalkolata li tiddisturba l-kors ordinarju tat-traffiku li jkun ghaddej minnha".* (Ara wkoll "**Gatt vs Ciantar**", deciza minn din il-Qorti fit-28 ta' April, 2003).
Min-naha l-ohra gie ukoll diversi drabi ritenut mill-Qrati taghna li: *"Il-main road user ghandu wkoll l-obbligu li joqghod attent imma l-grad ta' diligenza li jinkombi lilu hu ferm anqas minn dak tas-side road user ghax hu ma jkunx qieghed jiddisturba l-kors tat-traffiku, imma jkun miexi ghad-dritt".* (Ara App.Civ. "**Mag.A.Stagno Navarra vs N.Saliba"** Vol XLV p1 p 389; **"Il-Pulizija vs G. Buttigieg et."** Vol XLV11 p4 p1198; VOl XLV1 p1 p 112**; "Camilleri vs Dimech"** App Civ.27.7.91; Portelli vs Spiteri PA/JSP 16/12/93; PA "**Gauci Maistre vs Galea**" 22.2.94 JSP).

Kif jghid **Charlesworth** "*When coming from a side road into a main road, the driver or rider on vehicle should select such a moment as we allow him to enter the main road with safety. TheHighway Code provides 'Give way to traffic on the major road. At uncontrolled crossings, unless you have a clear view of the major road in both directions, stop before entering the major road'. If there is a sign requiring traffic to halt or go slowly before entering a main road from a side road, it is an offence to disobey the sign and evidence of negligence on the part of the driver*." ("*The Law of Negligence"*, 2nd Edition, pages 82 et seq).

Il-Qrati taghna kellhom l-opportunita` li jippronunzjaw ruhhom fuq il-principji rikonoxxuti fil-gurisprudenza rigward l-effett ta' **velocita' ecessiv tal-*'main road user'*** fuq id-determinazzjoni tar-responsabbilta' tas-sinistru. Gie kostantement ritenut illi waqt li l-velocita' eccessiv ghal dik regolamentari, jekk tirrizulta pruvata, tesponi lis-sewwieq ghall-proceduri kriminali kontra tieghu ghall-vjolazzjoni tar-regolamenti tas-sewqan appoziti; tali velocita' eccessiva fiha nfisha ma tistax titqies *a priori* bhala fattur determinanti ghar-responsabbilta' ghall-incident jew

kontributorju ghalih. Irid jigi stabbilit sodisfacentement illi l-velocita' eccessiva kienet l-element determinanti li pprovoka l-incident u li tista' titqies bhala l-kawza prossima tal-akkadut, jew li jkun ikkontribwixxa b'mod relevanti ghall-aggravament tad-danni kagjonati mill-istess sinistru.[10] **(Ara** wkoll *sentenza "**A.Stanley vs A. Zahra"** PA JSP 23.3.93).*
Kif gie ritenut: *"Il-fatt li sewwieq ikun qed isuq karozza b'velocita' eccedenti li speed massimu regolamentari, jekk dan ma jkunx il-kawza determinanti tal-kollizzjoni, huwa m'ghandux jinstab responsabbli lanqas fi grad ta' kontributorjeta' purche' li speed tieghu ma jkunx dak li jista' jissejjah "sfrenat". ("**S. Mizzi vs J. Grech**" 23/3/72 u "**A. Bartolo vs K. Micallef**" 16.2.73).* In *civilibus,* irid jigi stabbilit li l-velocita` eccessiva kienet element determinanti li pprovoka l-incident u li tista' titqies il-kawza prossima tal-incident. (Ara " ***Anna Stanley vs Alan Zahra*" -**dec. fit-23 ta' Marzu 1993, PA.JSP).

Fil-kaz odjern, jirrizulta mir-ritratti esebiti mill-attur Demicoli (a fol 40-50 tal-process) kif ukoll mir-rapport tal-Perit Richard Aquilina, li l-vettura Toyota kellha hsarat ikkagunati minn impatt qawwi fuq in-naha tal-passiggier taghha fejn intlaqtet mill-Land Rover. Skont ix-xhieda tal-konvenut Cerbino, il-Land Rover hija tqila xi tunnellata punt sebgha u mhux ikkontestat li t-Toyota baqghet miexja distanza sew wara l-impatt. Jirrizulta mill-istess ritratti li man-naha tax-xellug tat-Triq il-Kungress Ewkaristiku, int u gej mill-Knisja tal-Mosta, hemm linja kontinwa ta' vetturi pparkjati sa ftit qabel il-kantuniera ma' Anglu Gatt Street, minn fejn hareg l-attur. Skont il-passiggier riekeb mal-konvenut, kien hemm vettura ohra ipparkjata proprju fuq id-*double yellow lines* murija fuq ir-**ritratt AD13** a fol.50, liema vettura sparixxiet qabel ma gew il-pulizija. Ebda wiehed mill-partijiet ma semmew din il-vettura izda l-Qorti m'ghandhiex ghalfejn tiddubita mill-kelma ta' dan ix-xhud li kien dettaljat u konsistenti fix-xhieda tieghu.

[10] Elmo Insurance Agency Ltd. noe -v- Awad Elbir PA Gv, dec. fit-13 ta' Ottubru 2003

Il-fatt li kien hemm karrozza pparkjati holoq ostakolu ghall-vizwali tal-attur hu u hiereg minn Anglu Gatt Street fejn kellu bilfors ihares lejn in-naha tax-xellug biex jara jekk kienux gejjin karrozzi. B'hekk kellu juza iktar kawtela hu u hiereg mit-triq laterali u johrog bil-mod (*inching out)*. It-triq principali hija twila u dritta u kellu jara lill-konvenut gej. Evidentement dan naqas li jaghmlu ghax iddikjara li ma ra l-ebda karozza gejja lejn id-direzzjoni tieghu fit-triq principali - b’hekk ghandu jitqies li naqas li jzomm *a proper look out.* Fil-fatt l-ammissjoni tal-attur li jghid li ma ra xejn qabel l-impatt hija awto-inkolpazzjoni, *stante* li huwa jkun qed jaccetta l-fatt li qabel ma qasam u anke hekk kif kien qed jaqsam huwa ma ghamilx esplorazzjoni sewwa tat-triq, u dan huwa iktar gravi meta l-istess konvenut kien konxju tal-fatt li huwa kien qed jikser il-*flow of traffic. Multo magis* jekk kif xehed il-passiggier Hole sahansitra waqaf hekk kif kien sporgut fil-karreggjata.

Ix-xhieda ta' **Paul Magri** ma tofri ebda konfort ghall-attur fil-fehma tal-Qorti, in kwantu li ma rax il-habta kif sehhet u ghalhekk, xehed li ghaddiet il-landrover bir-rankatura u anke b'velocita`, ma setax jara kif u b'liema mod hareg l-attur mit-Triq Anglu Gatt fil-mument tal-impatt.

Rigward il-velocita' tas-sewqan tal-konvenut, dan jirrizulta mill-*brake marks* tul 21 metru li mmarka il-Perit Aquilina (skizz a fol.82) li mhumiex ikkontestati bejn il-partijiet. L-atturi ssottomettew bhala prova tal-velocita', l-gravita' tal-impatt fuq it-Toyota (fuq in-naha tal-genb tal-passiggier) kif ukoll li t-Toyota giet imbuttata distanza ta' circa 21 metru iehor minhabba l-impatt.

Kif irrileva d-difensur tal-atturi, il-*HighWay Code* ta' Malta tindika d-distanzi necessarji sabiex vettura tieqaf kompletament konsistenti f'*thinking distance* u *braking distance.* Fil-kaz odjern, 21 metru *brake marks* huwa kompatibbli max-xhieda ta' Cerbino li kien qed isuq bejn 55-60 km/h.

Ghalkemm dan li *speed* jeccedi li *speed* regolamentari, l-Qorti hi tal-fehma li dan li *speed* ma jistax jissejjah sfrenat u lanqas li pprovoka l-incident. Il-fatt li minhabba l-impatt,

l-istess attur sofra griehi, anke ta' natura permanenti, ma jfissirx li b'hekk l-konvenut huwa bil-fors responsabbli civilment ghall-habta. Il-vettura misjuqa mill-konvenut kienet tqila, u dan bilfors kellu konsegwenzi fuq id-dinamika tal-habta u anke li jikkontribwixxi fuq it-tul tal-*brake marks* kif gie osservat mid-difensur tal-konvenut. Bilfors ikkagunat danni sostanzjali fit-Toyota, u bil-fors imbuttat it-Toyota certu tul.

Illi applikati dawn il-konsiderazzjonijiet ghall-kaz in ezami, m'hemm l-ebda dubju li l-attur hareg minn go *side road* dritt ghal fuq fuq triq principali. Din il-manuvra hija fiha nnifisha perikoluza in kwantu li kienet tinnecessita' li jaqsam u johloq ostakolu ghat-traffiku li jkun gej fit-triq principali. Kien ghalhekk proprju l-attur Alfred Demicoli li ma zammx *proper look out* u holoq *sudden emergency* lill-utent tal-istess triq principali, il-konvenut, li kellu d-dritta kollha tat-triq. **("Avra Insurance Agency Limited et vs Joseph Gatt"** (P.A. (RCP) 26 ta' April 2001); **"Laferla Insurance Agency Limited vs Arthur Grech"** (P.A. (RCP) 29 ta' Mejju 2001); **"Simon Spiteri vs Louis Caruana"** (P.A. (RCP) 11 ta' Ottubru 2001); **"Fogg Limited nomine vs Jesmond Ellul"** P.A. (RCP) 22 ta' Jannar 2002).

Il-konvenut fil-konfront tal-attur ma kien jehtieglu jipprova xejn biex jiskolpa ruhu ghax hu kellu kull dritt jippretendi li l-karreggiata tieghu tkun ghal kollox hielsa mit-traffiku. Anke li kieku l-konvenut kellu jzomm quddiem ghajnejh li seta' jkun hemm xi traffiku jistenna biex johrog mit-toroq laterali (u minn fejn kien gej l-attur), hu ma kellu l-ebda obbligu li jcedi lil tali traffiku jew li jaghti attenzjoni partikolari ghalih. Dan qed jinghad fl-isfond ta' dak ikkonsidrat rigward l-i*speed* tal-konvenut li, fil-fehma tal-Qorti ma kienx xi velocita` sfrenata.

Illi ghalhekk il-fatt li l-attur ma rnexxielux jevita l-incident ma ghandux iwassal sabiex tigi apporzjonata lilu xi responsabbilta` ghall-istess incident ta' liema grad tkun u dan anke *in vista* ta' dak li nghad fis-sentenza **"Alexander Bartolo vs Kalcedon Micallef"** (P.A. 16 ta' Frar 1972) fejn gie ribadit li:- *"Illi l-fatt li l-attur (illum il-konvenut) ma*

*rnexxielux jevita l-kollizjoni ma ghandux jigi mehud kontra tieghu stante li huwa kien iffaccjat b"sudden emergency' u mhux kull persuna f'mument tali tista' tagixxi bilfors b'mod perfett u f'dan il-kuntest huwa sintomatiku dak li ntqal fis-sentenza* ***"Paul Deguara vs Raymond Chilton"*** *mill-Onorabbli Qorti tal-Appell fit-3 ta' Frar 1988 (LXXII.ii.181) u cioe':-"Fil-fehma tal-Qorti bil-manuvra errata li ghamel, l-ikkrea "a sudden emergency" lill-konvenut li f'dawk ic-cirkostanzi kien gie kostrett jiehu xi xorta ta' "evasive action".*

Din il-Qorti ga' kellha okkazzjoni ohra fejn ippronunzjat ruhha f'kaz simili dwar l-implikazzjonijiet legali nvoluti (ara ***"John Debattista vs Maria Theresa Vella et"*** *deciza fit-2 ta' Novembru 1987). "Inutili li wiehed joqghod jghid kif imissha rreagixxiet persuna li kienet involuta f'kollizzjoni meta tkun rinfaccjata b' "sudden emergency" ikkawzata mill-parti l-ohra. Din hija haga psikologika u mhux kulhadd jirreagixxi l-istess fl-istess cirkostanzi. F'dan il-kaz, wiehed jista' jghid li, kieku ma kienitx il-manuvra errata tal-attur il-kollizzjoni ma kienitx issir. … Li gara f'dan il-kaz huwa li s-sewqan hazin tal-attur ikkrea sitwazzjoni tali li s-sewwieq l-iehor ma setghax jevita l-habta bl-'evasive action' li ha."*

Difatti l-konvenut ipprova jiehu *evasive action* billi ibbrakja imma dan ma kienx bizzejjed biex jevita l-habta ma vettura li kienet gja sporgiet fit-triq principali minghajr id-debita attenzjoni.

Minn dan kollu jirrizulta b'mod car li l-element determinanti li pprovoka l-incident u li jista' titqies bhala l-kawza prossima tal-akkadut kien il-fatt li l-attur baqa' hiereg minn triq laterali u nvada t-triq principali minn wara 'stop sign' qabel ma accerta sewwa li ma kienx ser ifixxkel lit-traffiku gej fuq il-*main road.* Il-konvenut kien jaf li kien hiereg fuq triq principali, liema triq kienet twila u dritta, u bil-fors kellu vizwali tajba jekk mhux imxekkla bil-karrozzi pparkjati. Jekk kien hekk, allura kellu oneru akbar biex johrog bil-mod, *inching out,* u ma kellux skuza biex ma jarax lill-vettura misjuqa minn Cerbino. *Del resto*, ma giex ippruvat li kien hemm *speed* bla razan da parti ta' Cerbino li setgha kien il-kawza determinanti li pprovoka l-akkadut. Lanqas

gie ppruvat li Cerbino kien qed isuq b'velocita' tant qawwija li tilef il-kontroll tal-vettura u ma setax jiehu *evasive action* anke jekk tali ma kienx ittiehed b'success.

Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet premessi, tiddisponi minn din il-kawza billi tiddikjara li l-attur Alfred Darmanin kien unikament responsabbli ghall-incident awtomobilistiku li sehh fis-7 ta' April 1999.

## III. <u>KONKLUZJONI.</u>

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi**, billi fil-waqt li tastjeni milli tiehu konjizzjoni tal-ewwel eccezzjoni tal-konvenut, **tilqa' l-eccezzjonijiet l-ohra** tal-istess konvenut billi tiddikjara li l-attur Alfred Darmanin kien unikament responsabbli ghall-incident awtomobilistiku li sehh fis-7 ta' April 1999 fi Triq il-Kungress Ewkaristiku l-Mosta, mertu ta' din il-kawza, u konsegwentement **tichad it-talbiet kollha attrici.**

L-ispejjez kollha ta' dawn il-proceduri jithallsu mill-atturi.

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------